**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 10 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 504/2022 AF**

**L-Avukat Dottor Carlos Bugeja bhala mandatarju specjali ta' Michael Ian Frolich [Numru tal-Passaport tal-Afrika t'Isfel M00346553] u Maree Jo-Anne Frolich [Numru tal-Passaport tal-Afrika t'Isfel M00346554]**

**vs**

**GAP Mellieha (1) Limited (C-72013)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Carlos Bugeja bhala mandatarju specjali ta' Michael Ian Frolich [Numru tal-Passaport tal-Afrika t'Isfel M00346553] u Maree Jo-Anne Frolich [Numru tal-Passaport tal-Afrika t'Isfel M00346554], li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti Dottor Carlos Bugeja huwa debitament awtorizzat sabiex jipproponi din il-kawza bhala mandatarju specjali tar-rikorrenti Michael Ian Frolich u Maree Jo-Anne Frolich permezz tal-prokura specjali hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A.

Fis-27 ta' Gunju tal-2019, ir-rikorrenti Michael Ian Frolich u Maree Jo-Anne Frolich iffirmaw konvenju mas-socjetà intimata in konnessjoni mat-trasmissjoni tal-proprjetà maghrufa bhala "Southridge", internament immarkata bin-numru 31, Triq Louis Wettinger, gewwa l-Mellieha, flimkien mal-garaxx internament immarkat bin-numru 3 li jinsab fil-*basement level* formanti parti mill-istess blokka.

Kif jirrizulta minn dan il-ftehim stess, dakinhar ir-rikorrenti Frolich ghaddew is-somma ta' €36,800 lis-socjetà intimata, bhala depozitu akkont tal-prezz finali. Il-partijiet qablu wkoll illi l-kuntratt finali ta' bejgh kellu jsir sa mhux aktar mit-30 ta' April tal-2020.

Minhabba xi kumplikazzjonijiet li nqalghu matul iz-zmien, il-konvenju skada u l-kuntratt finali baqa' ma sarx. Minkejja dan, is-socjetà intimata xorta wahda zammet id-depozitu mhallas lilha mir-rikorrenti Frolich.

Permezz ta' ittra legali, r-rikorrenti Frolich interpellaw lis-socjetà intimata sabiex tirrifondi d-depozitu mhallas lilha skond l-iskrittura ta' nhar is-27 ta' Gunju 2019, izda hija baqghet inadempjenti (Dok. C).

L-Avukat Dottor Carlos Bugeja jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjetà intimata hija responsabbli ghar-rifuzjoni lir-rikorrenti, fis-somma ta' €36,800 li thallsu lilha mill-istess rikorrenti bhala depozitu akkont tal-prezz tal-proprjetà hawn fuq imsemmija.

2. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €36,800 rapprezentanti d-depozitu li thallsu lilha mill-istess rikorrenti bhala depozitu akkont tal-prezz tal-proprjetà hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjetà intimata, li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjetà intimata li permezz taghha t-talba giet ammessa u l-hlas relattiv kien sar wara l-ftuh tal-kawza. Il-fatt tal-hlas ma gie kontradett b'ebda mod.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ghaldaqstant, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawza stante li ezawrit u tordna li l-ispejjez jithallsu mill-intimata b'dana wkoll illi l-imghax ghandu jithallas sad-data li fiha sar il-pagament.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjetà intimata.

IMHALLEF

DEP/REG